MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 52/2012

**GO p.l.c.**

**vs**

**Carmel BRIFFA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' erba' mija u euro u disgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€401.29) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€401.29) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 80021907 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-

annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-12 ta’ Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta’ Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma erba’ mija u euro u disgha u ghoxrin centezmi ta’ euro (€401.29), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------